KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fil-5 ta' Settembru 2024[1]

Kawża C-526/23

VariusSystems digital solutions GmbH
vs
GR Inhaberin B & G

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi – Ġurisdizzjoni speċjali fil-qasam kuntrattwali – Il-punt 1(b) tal-Artikolu 7 – Provvista ta' servizzi – Software żviluppat u operat fi Stat Membru, adattat għall-bżonnijiet individwali ta' utent li jirrisjedi fi Stat Membru ieħor – Post ta' eżekuzzjoni"

I. Introduzzjoni

1. L-użu ta' software[2] u tal-internet kemm mill-professjonisti kif ukoll mill-individwi huwa attwalment permanenti. Is-servizz li jikkonsisti fl-iżvilupp ta' software adattat għal bżonnijiet professjonali speċifiċi huwa wkoll frekwenti ħafna fil-prattika. L-isfidi ekonomiċi huma ta' portata kbira f'dan il-qasam.

2. Huwa għaldaqstant sorprendenti li jiġi kkonstatat li, sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma kellha l-okkażjoni li tieħu konjizzjoni ta' domanda preliminari dwar l-għażla ta' ġurisdizzjoni internazzjonali fil-qasam kuntrattwali, prevista fil-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012[3], fil-kuntest ta' tilwim ta' natura internazzjonali li għandu bħala suġġett il-provvista ta' servizzi informatiċi online.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Skont is-sit internet https://www.culture.fr/franceterme, iddedikat għat-termini rrakkomandati mill-Commission d'enrichissement de la langue française (il-Kummissjoni għall-Arrikkiment tal-Lingwa Franċiża, Franza) u ppubblikati fil-Journal officiel de la République française (iktar 'il quddiem "JORF"), it-terminu Franċiż "logiciel" ("software") jindika "il-programmi, il-proċessi u r-regoli kollha, u eventwalment id-dokumentazzjoni kollha, relatati mal-funzjonament ta' sett ta' proċessar ta' data" [traduzzjoni libera]. Dan is-sit jispeċifika li l-ekwivalenti tat-terminu Franċiż "logiciel" bl-Ingliż huwa "software". Ara l-Anness tal-JORF Nru 220, tat-22 ta' Settembru 2000 (p. 42063).

[3] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

3. Jidhirli li l-eżistenza ta' klawżoli li jattribwixxu ġurisdizzjoni jew għażla ta' liġi applikabbli, skont l-użanzi kuntrattwali f'dan il-qasam ta' attività, tispjega din il-konstatazzjoni [4].

4. Konsegwentement, l-assenza ta' kwalunkwe ftehim, fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi għall-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tispeċifika l-kriterji ta' rabta mal-qorti li għandha ġurisdizzjoni u li tegħleb din il-kontradizzjoni: kif għandha tiġi interpretata l-għażla ta' ġurisdizzjoni internazzjonali li hija bbażata fuq lokalizzazzjoni konkreta tal-provvista ta' servizzi meta din tkun żgurata mill-internet? Fi kliem ieħor, kif għandu jiġi ddefinit il-kriterju materjali adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'kuntest immaterjali?

5. Huwa minnu li din il-problema ma hijiex ġdida għall-Qorti tal-Ġustizzja, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tagħha dwar l-għażla ta' ġurisdizzjoni fil-qasam ta' delitt. Madankollu, din il-ġurisprudenza hija bbażata fuq approċċi li ma jistgħux jiġu trasposti fil-qasam kuntrattwali. Għaldaqstant, id-dibattitu jirrigwarda l-alternattiva konkreta, kif proposta mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija), il-qorti tar-rinviju, li hija s-segwenti: fl-assenza ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali, għandu jiġi adottat il-post fejn ġie ddisinjat is-software jew dak tal-użu tiegħu?

6. Ser nesponi r-raġunijiet li għalihom, f'dan il-kuntest partikolari ta' provvista ta' servizzi informatiċi fuq network miftuħ bħall-internet, jidhirli li għandu jintuża bħala kriterju dak tal-post fejn is-servizz jikkonkretizza ruħu għall-utent [5].

II. Il-kuntest ġuridiku

7. Il-premessi 15 u 16 tar-Regolament Nru 1215/2012 jiddikjaraw:

"(15) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom ikunu prevedibbli ħafna u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut. Il-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq il-bażi ta' din ir-raġuni ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tat-tilwima jew ta' awtonomija tal-partijiet ikunu jeħtieġu fattur ta' konnessjoni differenti. […]

(16) Barra d-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm raġunijiet alternattivi ta' ġurisdizzjoni bbażati fuq konnessjoni mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. L-eżistenza ta' konnessjoni mill-qrib għandha tiżgura ċ-ċertezza legali u tevita l-possibbiltà li l-konvenut jiġi mħarrek f'qorti ta' Stat Membru li dan il-konvenut ma setax raġonevolment jipprevedi. […]"

8. L-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Soġġetti għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru."

[4] Ara, f'dan ir-rigward, El Hage, Y., *Le droit international privé à l'épreuve de l'internet*, Bibliothèque de droit privé, Vol. 617, Librairie générale de droit et de jurisprudence, Paris, 2022, it-tieni paragrafu tal-punt 123 (p. 102), kif ukoll il-punti 170 (p. 138) u 515 (p. 427). Dwar l-impatt relattiv tad-deċiżjoni futura li għaldaqstant għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, ara t-tielet paragrafu tal-punt 614 (p. 500).

[5] Nispeċifika qabelxejn li din il-pożizzjoni hija bbażata fil-parti l-kbira fuq l-analiżi fid-dettall tal-kwistjonijiet ta' dritt internazzjonali privat, fir-rigward tal-kuntratti relatati mal-informatika, esposta minn El Hage, Y., *op. cit.*, u fuq it-turija min-naħa tiegħu tar-rilevanza tas-soluzzjoni proposta, sostnuta permezz ta' diversi riferenzi dottrinali jew ġurisprudenzjali, f'diversi verżjonijiet lingwistiċi. Ara, b'mod partikolari, il-punt 616 (p. 500 sa 502).

9. Il-punt 1 tal-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament jistabbilixxi:

"Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor:

(a) fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni;

(b) għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni u sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-post tat-twettiq tal-obbligi f'dak il-każ għandu jkun:

– fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, l-oġġetti ġew ikkonsenjati jew suppost li kienu kkonsenjati,

– fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti [provvista ta' servizzi], il-post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, l-oġġetti ġew ikkonsenjati [s-servizzi ġew ipprovduti] jew suppost li kienu kkonsenjati [pprovduti];

(c) jekk il-punt (b) ma japplikax, japplika l-punt (a)."

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

10. VariusSystems digital solutions GmbH[6], li għandha s-sede tagħha fi Vjenna (l-Awstrija), teżerċita l-attività tagħha fis-settur tas-servizzi informatiċi. Hija żviluppat għal GR, proprjetarja tal-impriża B & G, stabbilita fil-Ġermanja, software li jippermetti l-analiżi tat-testijiet tal-COVID-19 skont ir-rekwiżiti tal-leġiżlatur Ġermaniż u intiż sabiex jintuża fiċ-ċentri tal-ittestjar Ġermaniżi[7]. L-għan tal-kuntratt kien l-iżvilupp[8] u l-operat[9] tas-software fil-Ġermanja. Il-partijiet fil-kawża prinċipali ma kkonkludewx kuntratt bil-miktub u la għażlu qorti li għandha ġurisdizzjoni u lanqas post ta' eżekuzzjoni, fil-każ ta' tilwim.

11. VariusSystems titlob mingħand GR il-ħlas ta' somma fl-ammont totali ta' EUR 101 587.68, flimkien mal-interessi, għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2022 u t-3 ta' Ġunju 2022, li tikkorrispondi għall-fatturazzjoni ta' kull test tal-COVID-19 imwettaq. Hija bbażat il-ġurisdizzjoni tal-qrati Awstrijaċi fuq it-tieni inċiż tal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, għar-raġuni li, għalkemm is-software ġie speċifikament adattat u żviluppat skont il-bżonnijiet speċifiċi tal-impriża ta' GR sabiex jintuża fil-Ġermanja, dawn ix-xogħlijiet kollha twettqu fi Vjenna.

12. Mill-atti tal-proċess mibgħut mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li t-tilwima bejn il-partijiet toriġina minn difetti fis-software ipprovdut, allegati minn GR, b'mod partikolari fir-rigward tal-osservanza tar-rekwiżiti tal-leġiżlatur Ġermaniż u tal-Kassenärztliche Bundesvereinigung (l-Assoċjazzjoni Federali tat-Tobba li Jaħdmu fuq Bażi Kuntrattwali mal-Fond ta' Assigurazzjoni tas-Saħħa, il-Ġermanja) dwar il-fatturazzjoni tat-testijiet ta' screening kif ukoll dwar il-modalitajiet ta' trażmissjoni taċ-ċertifikati ta' test għall-applikazzjoni "Corona-Warn-App".

6 Iktar 'il quddiem "VariusSystems".

7 Mill-atti tal-proċess mibgħut mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li s-software użat minn GR, permezz tal-internet, kien jippermetti r-reġistrazzjoni u l-ipproċessar tat-testijiet ta' screening. Dik il-qorti ssemmi "servizzi mill-bogħod". Ara l-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet.

8 Skont id-dizzjunarju tal-informatika (ara, bħala eżempju, definizzjonijiet disponibbli fl-indirizz tal-internet li ġej: https://vitrinelinguistique.oqlf.gouv.qc.ca/), dan it-terminu jkopri b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin: id-disinn tas-software, il-programmazzjoni, il-faži ta' ttestjar, it-tqegħid għall-użu u l-manutenzjoni. Il-persuna responsabbli għall-iżvilupp jissejjaħ "editur".

9 Dan it-terminu jkopri l-attività intiża li tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb tas-software, li hija distinta minn dik tal-iżvilupp.

13. GR ikkontestat il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti adita. Hija tirrileva li s-servizz karatteristiku fil-kuntratt inkwistjoni kien l-użu ta' software operattiv konformi mar-rekwiżiti tal-leġiżlatur Ġermaniż għal persuni fiżiċi Ġermaniżi fil-Ġermanja, sabiex minn dan tiddeduċi li l-post ta' eżekuzzjoni li għandu jiġi adottat huwa s-sede tagħha.

14. Il-Landesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali ta' Vjenna, l-Awstrija), filwaqt li rrifjutat il-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha, ċaħdet ir-rikors. Hija kklassifikat il-kuntratt konkluż bejn il-partijiet bħala "kuntratt ta' bejgħ" u qieset li l-post ta' eżekuzzjoni kien is-sede tal-impriża ta' GR fil-Ġermanja.

15. L-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija) ikkonfermat din id-deċiżjoni filwaqt li madankollu adottat il-klassifikazzjoni ta' "bejgħ ta' oġġetti [provvista ta' servizzi]", fis-sens tat-tieni inċiż tal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, għar-raġuni b'mod partikolari li s-software kellu jiġi adattat u żviluppat speċjalment għall-bżonnijiet speċifiċi tal-impriża ta' GR, skont ir-rekwiżiti tal-leġiżlatur Ġermaniż. Peress li qieset li s-servizzi li ma jirrigwardawx post partikolari jitqiesu li ġew ipprovduti fejn il-benefiċjarju jaċċedi għal dawn is-servizzi, dik il-qorti qieset li, f'dan il-każ, dan il-post jinsab fil-Ġermanja, fejn huwa disponibbli s-software li għandu jiġi adattat speċifikament għas-sitwazzjoni Ġermaniża, ħaġa li tikkostitwixxi s-servizz karatteristiku tal-kuntratt.

16. Għalhekk VariusSystems ippreżentat appell għal "Reviżjoni" quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema), li wkoll tqis li għandu jiġi applikat it-tieni inċiż tal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, fir-rigward tal-iżvilupp ta' software individwalizzat.

17. Skont dik il-qorti, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat il-post fejn twettqet parti kbira mill-provvista ta' servizzi [10], ħaġa li twassal sabiex jitqies bħala l-post ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' żvilupp ta' software, il-post fejn jiġi pprovdut is-servizz intellettwali, u mhux dak fejn is-software jiġi kkonsultat u użat.

18. Madankollu, l-imsemmija qorti tistaqsi dwar ir-rilevanza ta' tali soluzzjoni minħabba ċerti opinjonijiet dottrinali, li skonthom, jekk servizz ma jkunx relatat ma' post partikolari, dan jitqies li huwa pprovdut fejn il-benefiċjarju tas-servizz ikollu aċċess għalih.

19. Hija tenfasizza li, f'dan il-każ, is-servizz intellettwali pprovdut fl-Awstrija ma jkollux valur awtonomu fih innifsu jekk ma jkunx is-suġġett ta' aċċess u ta' użu fil-Ġermanja, iktar u iktar peress li VariusSystems issostni li hija kellha titħallas għal kull test imwettaq b'suċċess. Hija żżid li l-qrati tal-post fejn jintuża s-software huma bla dubju f'pożizzjoni aħjar sabiex jiddeċiedu l-kwistjonijiet sostantivi dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt minħabba l-prossimità tal-fatti u tal-provi. Għalhekk hija tistaqsi dwar il-punt jekk, għad-determinazzjoni tal-post ta' eżekuzzjoni fil-każ ta' servizzi mill-bogħod, bħal f'dan il-każ, il-post determinanti sabiex jiġi llokalizzat il-post ta' eżekuzzjoni huwiex il-post fejn il-fornitur ta' servizzi wettaq ix-xogħol, jew il-post li għalih ġie pprovdut is-servizz u fejn il-benefiċjarju kellu aċċess għalih.

[10] Il-qorti tar-rinviju tirreferi, f'dan ir-rigward, għas-sentenza tal-11 ta' Marzu 2010, Wood Floor Solutions Andreas Domberger (C-19/09, iktar 'il quddiem is-"sentenza Wood Floor", EU:C:2010:137, punti 38 u 40).

20. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-punt 1b tal-Artikolu 7 tar-Regolament [Nru 1215/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest ta' azzjoni fil-qasam kuntrattwali, il-post ta' eżekuzzjoni għall-iżvilupp u għall-operat kontinwu ta' software intiż sabiex jissodisfa l-bżonnijiet individwali ta' klijent stabbilit fi Stat Membru A (f'dan il-każ: il-Ġermanja), jikkorrispondi mal-post:

a) fejn il-ħolqien intellettwali (il-'programmazzjoni') li huwa l-bażi tas-software jitwettaq mill-impriża stabbilita fi Stat Membru B (f'dan il-każ: l-Awstrija), jew

b) fejn il-klijent jaċċedi għas-software, jiġifieri jikkonsultah u jsir użu minnu?"

21. VariusSystems, GR u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

IV. Analiżi

22. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija adita b'domanda mingħajr preċedent li tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 fil-kuntest tal-provvista ta' software żviluppat u operat minn editur fi Stat Membru sabiex jissodisfa l-bżonnijiet speċifiċi ta' utent fi Stat Membru ieħor.

23. Preliminarjament, għandha tingħata deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-kuntratt. Minħabba l-karatteristiċi tal-obbligi kuntrattwali inkwistjoni [11], naqbel mal-opinjoni kemm tal-partijiet kif ukoll tal-qorti tar-rinviju, li l-kuntratt inkwistjoni jaqa' taħt il-kunċett ta' "provvista ta' servizzi".

24. Fil-fatt, għandu jsir riferiment għall-prinċipji mfakkra fis-sentenza tal-14 ta' Settembru 2023, EXTÉRIA [12], u għall-kriterji ddefiniti fis-sentenza tal-25 ta' Frar 2010, Car Trim [13]. Dawn jippermettu li ssir l-għażla bejn żewġ klassifikazzjonijiet tal-kuntratt, dik ta' "bejgħ ta' merkanzija" jew dik ta' "provvista ta' servizzi" [14]. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jitfittex liema huwa l-obbligu karatteristiku tal-kuntratt inkwistjoni u liema huwa l-korrispettiv għall-eżekuzzjoni tiegħu. F'dan il-każ, l-attività ta' VariusSytems kienet tikkonsisti fl-editjar ta' software adattat għall-bżonnijiet tal-impriża ta' GR u fil-garanzija tal-operat tiegħu. Dawn huma provvisti ta' servizzi li twettqu inkambju għal

[11] Dwar l-obbligu li jiġi identifikat obbligu kuntrattwali fl-assenza ta' kuntratt bil-miktub, ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2016, Granarolo (C-196/15, EU:C:2016:559, punt 24).

[12] C-393/22, EU:C:2023:675, punti 23 sa 25 u 34, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

[13] C-381/08, iktar 'il quddiem is-"sentenza Car Trim", EU:C:2010:90, punti 31 u 32, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

[14] Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li argumenti dwar il-kunċett ta' "servizzi" bbażati fuq l-Artikolu 57 TFUE, kif ukoll fuq id-direttivi tal-Unjoni fil-qasam tal-VAT, jew fuq strumenti oħra tad-dritt sekondarju minbarra r-Regolament Nru 1215/2012, applikabbli fil-qasam tal-kooperazzjoni ċivili, għandhom jiġu miċħuda. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2009, Falco Privatstiftung u Rabitsch (C-533/07, EU:C:2009:257, punti 33 sa 40). F'dak li jirrigwarda r-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet, ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, eDate Advertising *et* (C-509/09 u C-161/10, EU:C:2011:685, punti 62 u 63).

remunerazzjoni dovuta minn GR għal kull użu [15]. Għalhekk il-kriterji tal-"bejgħ ta' oġġetti [provvista ta' servizzi]", fis-sens tat-tieni inċiż tal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, huma ssodisfatti [16].

25. Konsegwentement, għandha tiġi eżaminata r-risposta li għandha tingħata għall-unika domanda preliminari li permezz tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-post ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' "bejgħ ta' oġġetti [provvista ta' servizzi]", fis-sens tat-tieni inċiż tal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, għandux jiġi ddeterminat, fil-każ ta' provvista online [17] ta' software, bħala dak fejn ġie żviluppat [18] minn kumpannija ta' servizzi informatiċi jew, għall-kuntrarju, bħala dak fejn intuża mill-klijent tagħha.

26. Fin-nuqqas ta' elementi li jistgħu jinsiltu minn dispożizzjonijiet kuntrattwali li jippermettu li jiġi ddeterminat il-post ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt, fl-assenza ta' kwalunkwe ftehim jew ta' kwalunkwe dokument ieħor [19], ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun ibbażata fuq iż-żewġ kunsiderazzjonijiet prinċipali li ġejjin, imfakkra reċentement mill-Qorti tal-Ġustizzja [20]:

– ir-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali fil-qasam kuntrattwali, prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, iġġustifikata mill-eżistenza ta' rabta stretta bejn il-kuntratt inkwistjoni u l-qorti li tintalab tieħu konjizzjoni tiegħu, tikkompleta r-regola ġenerali tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tad-domiċilju tal-konvenut, u

– il-kriterju ta' rabta fir-rigward ta' dan il-kuntratt, iddefinit b'mod awtonomu, bħala li huwa l-post ta' Stat Membru fejn, skont l-imsemmi kuntratt, is-servizzi ġew jew kellhom jiġu pprovduti, intgħażel sabiex jissaħħu l-għanijiet ta' unifikazzjoni u ta' prevedibbiltà tar-regoli ta' ġurisdizzjoni, u, għaldaqstant, ta' ċertezza legali.

27. Fi kliem ieħor, din ir-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali, maħsuba sabiex tiġi distinta minn dik tal-ġurisdizzjoni ġenerali, hija bbażata fuq kriterju purament fattwali li jwassal sabiex tintgħażel qorti b'rabta diretta mal-kawża sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja [21].

15 Ara l-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

16 Lil hinn minn dan il-każ, li fih ma hemm ebda dubju dwar il-provvista ta' servizzi (ara, f'dan is-sens, El Hage, Y., *op. cit.*, punt 56, p. 59), jidhirli li l-personalizzazzjoni tas-software ma hijiex il-kriterju determinanti fil-każijiet kollha. Il-provvista ta' software standard jista' jkollha magħha servizz ta' manutenzjoni jew ta' operat jew ta' aċċess permezz ta' network, bħall-internet. B'mod ġenerali, huwa t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-funzjonalitajiet tas-software li jikkaratterizza s-servizz ipprovdut. Dwar "[i]l-provvista ta' kontenut diġitali b'mezz materjali", ara El Hage, Y., *op. cit.*, punt 55 (p. 56). F'dan is-sens, l-analiżi tiegħi ma tikkontradixxix is-sentenzi tat-3 ta' Lulju 2012, UsedSoft (C-128/11, EU:C:2012:407, punt 61), u tas-16 ta' Settembru 2021, The Software Incubator (C-410/19, EU:C:2021:742, punt 38). Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'din is-sentenza tal-aħħar, billi ċċitat l-ewwel sentenza, li, "minn perspettiva ekonomika, il-bejgħ ta' programm tal-kompjuter fuq CD-ROM jew fuq DVD u l-bejgħ ta' tali programm permezz ta' tniżżil mill-internet huma simili, peress li l-mod ta' trażmissjoni online huwa l-ekwivalenti funzjonali tal-kunsinna ta' mezz materjali". Madankollu, minbarra l-fatt li din l-analiżi taqa' fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt sekondarju dwar il-protezzjoni ġuridika tal-programmi tal-kompjuter u tal-aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom, rispettivament, għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi deċiż li din tkopri biss is-suġġett tal-bejgħ, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni eventwali servizzi indispensabbli għall-użu tiegħu.

17 Qiegħed nuża dan it-terminu fid-dawl tal-konstatazzjonijiet imfakkra fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

18 Dan it-terminu jikkorrispondi għas-sens tal-punt a) tad-domanda tal-qorti tar-rinviju. Ara d-definizzjoni mfakkra fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8 ta' dawn il-konklużjonijiet u, dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu, ara l-punt 44 ta' dawn tal-aħħar.

19 Dwar din il-kundizzjoni, ara s-sentenzi Car Trim (punt 54) u Wood Floor (punt 38), kif ukoll tal-10 ta' Settembru 2015, Holterman Ferho Exploitatie *et* (C-47/14, EU:C:2015:574, punti 60 sa 62).

20 Ara s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2023, EXTÉRIA (C-393/22, EU:C:2023:675, punti 29 u 30, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

21 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2007, Color Drack (C-386/05, iktar 'il quddiem is-"sentenza Color Drack", EU:C:2007:262, punt 40), kif ukoll is-sentenza Car Trim (punti 52 u 53, għal tfakkira tal-istorja leġiżlattiva tad-dispożizzjonijiet ekwivalenti għal dawk tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, kif ukoll tal-esklużjoni tal-użu b'mod partikolari tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat tal-Istat Membru tal-forum).

28. Din il-loġika u dan l-iskop iwassluni sabiex inqis, f'dak li jirrigwarda l-provvista ta' servizzi online minn kumpannija ta' servizzi informatiċi u fl-assenza ta' kwalunkwe għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni f'tali qasam immaterjali, li l-kriterju ta' rabta adegwat huwa dak tal-post tal-eżekuzzjoni effettiva ta' dan il-kuntratt [22], jiġifieri l-post li minnu l-klijent jaċċedi konkretament għas-servizz online jew, fi kliem ieħor, il-"post tal-iktar impatt sinjifikattiv tal-attività online" [23], jew il-"post ta' provvista finali tas-servizzi" [24].

29. Erba' tipi ta' argumenti, ta' natura testwali, ġurisprudenzjali, prattika u relatata mal-liġi applikabbli, jimmilitaw favur l-għażla tal-kriterju tal-użu tas-servizz iktar milli ta' dak tal-oriġini tiegħu.

30. Fl-ewwel lok, jista' jitressaq argument testwali bbażat fuq l-espressjoni "il-post […] fejn, skont il-kuntratt, l-oġġetti ġew ikkonsenjati [is-servizzi ġew ipprovduti] jew suppost li kienu kkonsenjati [pprovduti]" [25]. Għaldaqstant, il-provvista ta' servizz [26] għandha tiġi distinta mid-disinn tiegħu.

31. Fit-tieni lok, fl-ipoteżi mhux prevista mill-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, jiġifieri l-assenza ta' kriterji misluta mill-kuntratt, il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet, għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija, il-kriterju tad-"destinazzjoni finali" ta' din it-tranżazzjoni [27]. Għall-provvista ta' servizzi, fil-każ ta' pluralità ta' postijiet ta' eżekuzzjoni tal-obbligu karatteristiku ta' tali kuntratt, fin-nuqqas li jkun jista' jiġi identifikat, abbażi ta' dan il-kuntratt, il-post tal-provvista prinċipali tas-servizzi [28], ġie adottat, sussidjarjament, il-post fejn twettqet parti kbira mill-attivitajiet b'eżekuzzjoni tal-kuntratt [29]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-għażla tal-kriterju tal-eżekuzzjoni effettiva tal-kuntratt [30] fis-sentenza Saey Home & Garden [31]. Għaldaqstant, l-għażla tal-kriterju tal-użu finali tas-servizz online hija koerenti ma' din il-ġurisprudenza [32], li ma għandhiex, fil-fehma tiegħi, tkun limitata biss għall-każijiet ta' eżekuzzjoni ta' provvista ta' servizzi f'diversi Stati Membri [33].

32. Madankollu, nosserva li jinsiltu wkoll opinjonijiet kuntrarji mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

22 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2018, Saey Home & Garden, (C-64/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza Saey Home & Garden", EU:C:2018:173, punt 45).

23 Ara El Hage, Y., *op. cit.*, punt 502 (p. 417). Fil-punt 517 (p. 428), dan il-post huwa ddefinit bħala dak "li minnu l-klijent jibbenefika effettivament mir-riżultat tas-servizz" [traduzzjoni libera]. Għal sunt tal-approċċ li japplika kemm għall-kuntratti relatati mal-informatika kif ukoll għad-delitti relatati mal-informatika, ara wkoll il-punt 715 (p. 592) ta' dan ix-xogħol.

24 Ara Sindres, D., "Compétence judiciaire, Reconnaissance et Exécution des décisions en matière civile et commerciale. – Compétence. – Règles ordinaires de compétence. – Option de compétence en matière contractuelle. – Article 7, [sect] 1, du règlement (UE) nº 1215/2012", *JurisClasseur Droit international*, LexisNexis, Pariġi, 1 ta' Jannar 2022, faxxikolu 584-130, l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-punt 71, li fih tintuża wkoll l-espressjoni "destinazzjoni finali" tas-servizzi jew tal-provvista.

25 Ara Sindres, D., *op. cit.*, it-tielet paragrafu tal-punt 71.

26 It-terminu "provvista" jinftiehem hawnhekk fis-sens li ġej: li wieħed jipprovdi xi ħaġa lil xi ħadd, fis-sens li jikkunsinna, jikseb, jagħti, jipprovdi, u mhux, pereżempju, "li jwettaq sforz".

27 Ara s-sentenza Car Trim (punt 62).

28 Ara s-sentenza Wood Floor (punt 38).

29 Ara s-sentenza Wood Floor (punt 40). Ara, fl-istess sens, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Holterman Ferho Exploitatie *et* (C-47/14, EU:C:2015:574, punt 64).

30 Ara, preċedentement, is-sentenza Wood Floor (punt 41).

31 Ara s-sentenza Saey Home & Garden (punt 45).

32 Dwar din l-analoġija, ara Fawcett, J., Harris, J., u Bridge, M., *International Sale of Goods in the Conflict of Laws*, Oxford University Press, Oxford, 2005, iċċitati minn El Hage, Y., *op. cit.*, punt 528 (p. 436 u 437).

33 Ara, ukoll fl-istess sens, Sindres, D., *op. cit.*, is-sitt paragrafu tal-punt 76.

33. L-ewwel nett, kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari u mill-atti tal-proċess, id-diskussjoni tirrigwarda l-kriterju adottat fis-sentenza Wood Floor bħala li jindika l-post fejn il-fornitur iwettaq prinċipalment ix-xogħol tiegħu, ħaġa li twassal sabiex jiġi ffavorit, f'dan il-każ, il-post fejn ġie pprovdut is-servizz intellettwali.

34. Min-naħa tiegħi, inqis li kemm mis-sentenza Wood Floor kif ukoll mis-sentenza Saey Home & Garden, ibbażati fuq il-kriterju tal-eżekuzzjoni effettiva tal-kuntratt, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali, jirriżulta li għandu jitfittex il-post fejn tikkonkretizza ruħha l-provvista ta' servizz. Għaldaqstant, fir-relazzjoni bejn prinċipal u aġent kummerċjali bħal dik li teżisti bejn fornitur u distributur fil-kuntest ta' kuntratt ta' konċessjoni kummerċjali, il-forum magħżul huwa dak li jikkorrispondi għall-parti essenzjali tal-attività, li tikkonsisti, fl-ewwel każ, fil-provvista ta' diversi servizzi ta' preparazzjoni, ta' negozjar u, jekk ikun il-każ, ta' konklużjoni ta' tranżazzjonijiet kummerċjali mill-aġent f'isem il-prinċipal [34] u, fit-tieni każ, f'li tiġi żgurata d-distribuzzjoni tal-prodotti tal-fornitur [35].

35. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li dawn id-deċiżjonijiet ġew adottati fid-dawl ta' ċirkustanzi partikolari, li jirriżultaw mil-lokalizzazzjoni tal-attivitajiet f'diversi Stati Membri, u li għaldaqstant huma konformi [36] mas-sentenza Color Drack, f'każ ta' bejgħ ta' merkanzija kkunsinnata f'diversi postijiet tal-istess Stat Membru [37], u mas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, Rehder [38], f'każ ta' provvista ta' servizzi f'żewġ Stati Membri [39].

36. Il-portata ta' din il-ġurisprudenza tkun wiesgħa wisq jekk minnha jiġi dedott li, *fil-każijiet kollha*, il-post tal-provvista tas-servizz huwa dak fejn id-debitur tal-provvista jeżegwixxi s-servizz. Fil-fatt, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat elementi konkreti utli għall-identifikazzjoni tal-post ta' eżekuzzjoni tas-servizz li hija l-qorti nazzjonali li għandha tirrifjuta skont is-sitwazzjonijiet suġġetti għall-evalwazzjoni tagħha [40].

37. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija ġurisprudenza tirrifletti, fil-fehma tiegħi, interess fit-tfittxija tal-lokalizzazzjoni tal-attività skont approċċ ekonomiku, sabiex jiġu ssodisfatti bl-aħjar mod ir-rekwiżiti ta' prossimità u ta' prevedibbiltà. Jidhirli li dan l-approċċ huwa partikolarment adattat għall-provvisti ta' servizzi informatiċi eżegwiti online, minħabba n-natura immaterjali tagħhom, sakemm il-benefiċjarju ma kellux aċċess għalihom.

38. It-tieni nett, jista' wkoll jiġi sostnut, minħabba din in-natura immaterjali [41], li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ħadet konjizzjoni ta' sitwazzjoni analoga, jiġifieri dik ta' kuntratt ta' kreditu mogħti minn stabbiliment bankarju [42]. Peress li l-obbligu karatteristiku ta' dan il-kuntratt huwa l-għoti tas-somma mislufa, filwaqt li l-obbligu tal-persuna li tissellef li tirrimborsa din is-somma huwa biss il-konsegwenza tal-eżekuzzjoni tas-servizz tal-persuna li ssellef, il-Qorti tal-Ġustizzja

[34] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Wood Floor (punti 35 u 38).

[35] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Saey Home & Garden (punti 43 u 45).

[36] Ara s-sentenza Wood Floor (punti 22, kif ukoll 25 u 26).

[37] Ara s-sentenza Color Drack (punt 8).

[38] C-204/08, EU:C:2009:439.

[39] Ara s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2009, Rehder (C-204/08, EU:C:2009:439, punt 2).

[40] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Wood Floor (punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[41] Dan l-aspett huwa enfasizzat minn Mailhé, F., fil-kummentarju tiegħu tas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2017, Kareda (C-249/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Kareda", EU:C:2017:472), f'Payan, G., *Espace judiciaire civil européen: Arrêts de la CJUE et commentaires*, Kollezzjoni "Droit de l'Union européenne", Bruylant, Brussell, 2020, punt 372 (p. 315).

[42] Ara, għad-diskussjoni ta' tali ipoteżi, Sindres, D., *op. cit.*, il-ħdax-il paragrafu tal-punt 71.

ddeċidiet li l-post fejn ġew ipprovduti s-servizzi, fis-sens tat-tieni inċiż tal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, huwa, fil-każ ta' għoti ta' kreditu minn stabbiliment ta' kreditu, il-post fejn tinsab is-sede ta' dan l-istabbiliment [43].

39. Nirrileva, f'dan ir-rigward, li l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tal-provvista ta' servizzi ta' bank li ma kinitx relatata ma' post speċifiku u li hija ma kellhiex għalfejn tiddeċiedi dwar każ ta' trasferiment bankarju lejn kont li jinsab fi Stat Membru differenti minn dak tas-sede ta' dan l-istabbiliment [44].

40. Għal dawn ir-raġunijiet, ma jidhirlix li s-soluzzjoni adottata fis-sentenza Kareda tista' tiġi trasposta għall-każ ta' provvista ta' software online, *a fortiori* f'kuntest transkonfinali.

41. Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet prattiċi li jservu wkoll bħala bażi għad-diskussjoni, jidhirli li għandu jiġi miċħud l-argument li, essenzjalment, l-obbligu karatteristiku ta' kuntratt ta' provvista ta' servizzi online jista' jkun biss dak tat-tlugħ ("upload" bl-Ingliż) mill-fornitur ta' kontenut diġitali, għar-raġuni li l-lokalizzazzjoni ta' din il-provvista ma tistax tiddependi mill-intervent tal-klijent [45]. F'din l-ipoteżi, għandu jintgħażel il-post li minnu l-fornitur iwettaq konkretament l-attività tiegħu.

42. Għalkemm naqbel mal-analiżi li fuqha huwa parzjalment ibbażat dan l-argument, jiġifieri li l-attivitajiet imwettqa online dejjem jistgħu jintrabtu ma' postijiet konkreti [46], jidhirli li s-soluzzjoni rrakkomandata ma tiħux inkunsiderazzjoni d-diversità ta' dawn l-attivitajiet kemm minħabba n-natura tagħhom [47] kif ukoll minħabba l-lokalizzazzjoni potenzjali tagħhom [48].

43. Fil-fatt, is-servizz ta' kumpannija ta' servizzi informatiċi jista' jiġi pprovdut fi stadji differenti, totalment jew parzjalment: dak tal-iżvilupp tas-software (jew fażi ta' ħolqien), dak tat-tqegħid għall-użu (jew fażi ta' tqegħid fis-servizz għall-klijent) u dak tal-operat (jew fażi ta' garanzija tal-funzjonament tajjeb). Dawn id-diversi attivitajiet ma jinsabux neċessarjament fis-sede tal-impriża li tipprovdi is-servizz jew is-servizzi inkwistjoni.

[43] Ara s-sentenza Kareda (punt 42).

[44] Ara s-sentenza Kareda (punti 18, 41 u 42).

[45] Ara, f'dan is-sens, Mankowski, P., "Article 7", f'Magnus, U., u Mankowski, P., *European Commentaries on Private International Law, Brussels Ibis Regulation*, it-tieni edizzjoni, Otto Schmidt, Köln, 2023, p. 222 u 223, b'mod partikolari l-punt 184 (p. 222).

[46] Ara Mankowski, P., *op. cit.*, punt 184, u, fl-istess sens, Sindres, D., *op. cit.*, punt 70. F'dan ir-rigward, għal distinzjoni, li jidhirli li hija fondata, bejn is-sempliċi parir u servizz relatat ma' post speċifiku, ara Gottwald, P., "Art. 7 [Besondere Gerichtsstände]", f'Rauscher, T., u Krüger, W., *Münchener Kommentar zur Zivilprozessordnung*, is-sitt edizzjoni, C.H. Beck, München, 2022, punt 31, li għandu jitqabbel ma' Simotta, D.-A., "Art 7 EuGVVO 2012", f'Fasching, H. W., u Konecny, A., *Zivilprozessgesetze*, it-tieni edizzjoni, Manz, Vjenna, 2022, punt 203, artikoli ċċitati mill-qorti tar-rinviju. Din id-distinzjoni tiġġustifika li ma jiġux assimilati żewġ tipi ta' servizzi li kienu s-suġġett ta' preċedenti, jiġifieri s-servizz ta' avukat u dak ta' perit, u għalhekk ta' editur ta' software. Għal motivazzjoni kuntrarja f'dan il-qasam, ara s-sentenza 20 U 3515/09 tal-Oberlandesgericht München (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' München, il-Ġermanja), tat-23 ta' Diċembru 2009, u l-kummentarju tagħha minn Mankowski, P., "Internationale Zuständigkeit am Erfüllungsort bei Softwareentwicklungsverträgen", *Computer und Recht*, Otto Schmidt, Köln, 2010, Nru 137, iċċitati wkoll mill-qorti tar-rinviju.

[47] Għal espożizzjoni ddettaljata, ara El Hage, Y., *op. cit.*, punti 517 *et seq*. Ara wkoll Reymond, M., "Jurisdiction under Article 7 no. 1 of the Recast Brussels I Regulation: the case of Contracts for the Supply of Software", *Yearbook of Private International Law*, Vol. 16 (2014/2015), p. 219 sa 239, b'mod partikolari, p. 220 sa 224, għall-ispjegazzjonijiet tekniċi, u p. 224, għal din is-sinteżi: "l-espressjoni 'provvista ta' software' ma tippermettix li jiġi identifikat tip wieħed biss ta' tranżazzjonijiet identifikat faċilment. Għall-kuntrarju, din tindika sensiela ta' diversi tipi ta' tranżazzjonijiet li, għalkemm jikkondividu l-punt komuni li jirrigwardaw it-trasferiment ta' software, huma distinti mhux biss mid-dettalji operattivi tagħhom, iżda wkoll mill-kontenut tad-drittijiet u tal-obbligi mogħtija lill-parti li lilha jiġi ttrasferit is-software" [traduzzjoni libera].

[48] Ara l-osservazzjonijiet ta' Mankowski, P., "Internationale Zuständigkeit am Erfüllungsort bei Softwareentwicklungsverträgen", *op. cit.*, ibbażati fuq il-konstatazzjoni li s-servizzi li jaqgħu taħt kuntratt ta' żvilupp ta' software ġeneralment jiġu pprovduti fil-post fejn jiġi żviluppat is-software u li dan ġeneralment ikun l-istabbiliment kuntrattwali tal-iżviluppatur ta' software.

44. Minn dan niddeduċi, qabelxejn, bħall-Kummissjoni, li d-disinn u l-programmazzjoni ta' software ma jikkostitwixxux l-obbligu karatteristiku tal-kuntratt ta' provvista ta' software peress li, mingħajr tqegħid għall-użu, is-servizz ma jkunx effettiv għall-klijent [49]. Huwa minn dan l-istadju li s-software jista' jintuża, wara li jkun ġie ttestjat, u li l-kwalità tiegħu tista' tiġi kkontrollata. Din l-operazzjoni tiġi eżegwita fil-post fejn l-utent ikollu aċċess għas-software. Għaldaqstant, jidhirli li din il-fażi tas-servizz għandha tiġi distinta minn dik tal-operat. Peress li din tal-aħħar ma timponix żviluppi informatiċi ġodda, hija tikkostitwixxi biss obbligu anċillari li ma jistax ikun il-bażi ta' kriterju ta' rabta.

45. Barra minn hekk, kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni, l-attività tal-editur tista' tinsab barra mis-sede tal-impriża [50]. L-istess japplika għall-attività ta' tqegħid għall-użu tas-software. Barra minn hekk, din tal-aħħar tista' tiġi żgurata mill-editur jew minn kwalunkwe fornitur ieħor ta' kontenut diġitali jew direttament online fuq it-tagħmir tal-klijent, jew, bi tqegħid għad-dispożizzjoni online, permezz tas-sit tal-fornitur, permezz tal-internet pereżempju, jew permezz ta' pjattaforma informatika [51], jew fil-kuntest ta' kuntratt ta' servizz ta' cloud computing [52].

46. Għaldaqstant, diversi kriterji ta' lokalizzazzjoni tal-attività ta' provvista ta' software jistgħu jitfittxu abbażi tal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, b'eċċezzjoni madankollu ta' kwalunkwe rabta bbażata fuq il-lokalizzazzjoni tas-server [53]. F'dan ir-rigward, jidhirli li d-diffikultajiet konkreti ta' lokalizzazzjoni li jista' jsib ruħu affaċċjat bihom il-klijent ta' servizz online jirriżultaw b'mod ċar miċ-ċirkustanzi fattwali deskritti mill-qorti tar-rinviju u mill-mistoqsijiet tagħha stess. Iqumu l-mistoqsijiet li ġejjin f'dan il-każ: għandha ssir distinzjoni bejn is-servizz ta' żvilupp inizjali (jew ta' disinn) tas-software u s-servizz ta' manutenzjoni (jew ta' segwitu), meta dawn huma marbuta mill-qrib minħabba l-aġġornament regolari tas-software? Dawn is-servizzi t-tnejn li huma jiġu implimentati mill-istess post? Kif tqiegħed għall-użu (jew tqiegħed għad-dispożizzjoni) s-software mill-editur (VariusSystems)? Fin-nuqqas ta' dettalji fid-deċiżjoni ta' rinviju jew ta' konstatazzjonijiet fid-deċiżjonijiet preċedenti mogħtija fil-kawża prinċipali, mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja, huwa l-każ li ma jistax jiġi preżunt, minħabba l-metodu ta' fatturazzjoni, li software tat-tip "Software as a Service" [54] tqiegħed għall-użu fuq pjattaforma u ma ġiex installat fuq it-tagħmir tal-klijent li niżżluh? Fil-fatt, sa fejn naf jien,

[49] Ara, fl-istess sens, El Hage, Y., *op. cit.*, it-tieni paragrafu tal-punt 528 (p. 435). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f'kawża li għandha bħala suġġett l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "bejgħ ta' merkanzija" minn aġent kummerċjali, li, "[f]il-każ partikolari tal-bejgħ ta' kopja ta' softwer tal-kompjuter, il-Qorti tal-Ġustizzja [kienet i]ddeċidiet li t-tniżżil ta' kopja ta' programm tal-kompjuter u l-konklużjoni ta' kuntratt ta' liċenzja ta' użu relatat magħha jifformaw ħaġa waħda indiviżibbli. Fil-fatt, it-tniżżil ta' kopja ta' tali programm ma jkunx utli jekk l-imsemmija kopja ma tkunx tista' tintuża mid-detentur tagħha". Ara s-sentenza tas-16 ta' Settembru 2021, The Software Incubator (C-410/19, EU:C:2021:742, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[50] Dwar l-esternalizzazzjoni tas-servizzi, ara Le Tourneau, P., *Contrats du numérique: informatiques et électroniques*, it-tnax-il edizzjoni, Dalloz, Paris, 2022, punt 342.11 (p. 550).

[51] Skont id-definizzjoni mogħtija f'Beelen, A., Charlier, C., u Vigneron, J., *Guide pratique des plateformes: 20 Legal designs commentés*, Larcier, Brussell, 2021, p. 44 u 45, "[i]l-pjattaformi informatiċi jipproponu applikazzjonijiet ta' kull tip u jippermettu interazzjonijiet bejn l-utenti ta' dawn l-applikazzjonijiet u żviluppaturi terzi. […] Apple iOS, Google Android, jew Microsoft Windows huma eżempji ta' pjattaformi informatiċi" [traduzzjoni libera].

[52] Ara d-definizzjoni u l-osservazzjonijiet li jinsabu fin-nota ta' qiegħ il-paġna 56 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara wkoll l-analiżi ta' Marchadier, F., "Internet et droit international privé", *JurisClasseur Droit international*, LexisNexis, Pariġi, 2 ta' Jannar 2023, faxxikolu 544-60, punt 23, li tirrigwarda l-fatt li "li jiġi ffavorit il-post li minnu titwettaq l-attività tal-fornitur ta' servizzi […] jippreżupponi li jiġi ddeterminat jekk dan il-post jiddependix mill-istabbiliment tal-fornitur ta' servizzi jew mill-hosting tas-sit tal-fornitur ta' servizzi" [traduzzjoni libera].

[53] Nispeċifika, bħal diversi awturi, li din il-lokalizzazzjoni sikwit hija inċerta u faċilment tista' tinbidel. Ara, b'mod partikolari, El Hage, Y., *op. cit.*, punti 87 u 88 (p. 78 u 79), kif ukoll l-aħħar paragrafu tal-punt 528 (p. 437); Mankowski, P., "Article 7", *op. cit.*, punt 184, u Gottwald, *op. cit.*, punt 31. Ara wkoll Marchadier, F., *op. cit.*, punt 8, b'mod partikolari dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ksur tad-dritt tat-trade marks. Ara wkoll is-sentenza 20 U 3515/09 tal-Oberlandesgericht München (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' München), tat-23 ta' Diċembru 2009, punt 48.

[54] Għal preżentazzjoni ddettaljata, ara Tourneau, P., *op. cit.*, punt 342.14 (p. 552), kif ukoll artikolu ċċitat minn dan l-awtur miktub minn Alterman, H., u Perbost, F., "Les points essentiels du contrat Saas", *Revue de jurisprudence commerciale*, Thomson Reuters, 2010, Nru 1.

fil-parti l-kbira tal-każijiet minn madwar għaxar snin ilu sal-lum [55], f'dak li jirrigwarda s-servizzi informatiċi online, il-klijent jaċċedi għas-software permezz ta' network (pereżempju, l-internet) mill-kompjuter tiegħu jew minn kwalunkwe mezz ieħor fil-kuntest ta' servizz ta' cloud computing [56].

47. Fl-aħħar nett, id-diversità ta' dawn il-metodi ta' provvista ta' servizzi informatiċi kif ukoll l-iżvilupp teknoloġiku u ekonomiku permanenti tagħhom [57] jistgħu jkunu suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw, fil-fehma tiegħi, li l-uniku post ċert u għalhekk prevedibbli tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' provvista ta' servizzi online huwa dak tal-benefiċċju konkret minn dawn is-servizzi [58].

48. Din il-preferenza għall-post ta' riċezzjoni jew ta' użu tas-servizz(i) (i)pprovdut(i) għandha l-vantaġġ li ma tvarjax il-kriterji ta' rabta skont id-diversi stadji tal-provvisti ta' servizzi u li ma tissuġġettax lill-utent għall-għażliet ta' stabbiliment tat-twettiq tagħhom, meta, barra minn hekk, it-tendenza ekonomika hija l-esternalizzazzjoni f'pajjiżi terzi. Għall-kuntrarju, jekk jitqies li, fil-każijiet kollha, dan is-software jiġi żviluppat fis-sede tal-editur, dan jista' jikkostitwixxi finzjoni, li tistabbilixxi *forum actoris*, li tmur kontra l-għanijiet tal-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 [59].

49. Barra minn hekk, tali adattament tal-kriterji ta' rabta għall-kumplessità tat-twettiq konkret tas-servizzi ma jkunx ġdid. Fil-fatt, dan diġà pprevalixxa fil-qasam tat-trasport bl-ajru, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ffavorixxiet il-post tal-benefiċċju mis-servizz, jiġifieri fit-tluq tal-ewwel titjira u fil-wasla tal-aħħar titjira [60].

50. Huwa minnu li l-adozzjoni tal-kriterju tad-destinazzjoni finali tas-servizz tista' tippreżenta diffikultajiet analogi, meta l-aċċess għal servizz li jitqiegħed għall-użu għal klijent jintuża f'diversi postijiet. F'dan il-każ, dan jidher li huwa l-każ fil-Ġermanja minn qari tal-proċess mibgħut

[55] Ara l-konferma misluta mill-analiżi fl-2015 ta' Reymond, M., *op. cit.*, p. 231.

[56] L-espressjoni "informatika fis-sħab" kultant tintuża fil-lingwaġġ ta' kuljum. Is-servizz ikkonċernat hawnhekk jippermetti li tinħażen data fuq servers imbiegħda interkonnessi, li ġeneralment jappartjenu lil fornitur estern, li jkun hemm aċċess għaliha u li jintużaw ir-riżorsi ta' kalkolu tas-servers. Dwar dawn il-karatteristiċi, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża VCAST (C-265/16, EU:C:2017:649, punti 1 u 2). Le Tourneau, P., *op. cit.*, punti 342.12 sa 342.14 (p. 550 sa 552), jenfasizza li, f'dan il-kuntest, "l-informatika hija deċentralizzata, u […] il-lokalizzazzjoni tal-applikazzjonijiet ma hijiex magħrufa mill-klijent", li din hija "informatika fuq talba", li għandha l-vantaġġ li la l-impriżi u lanqas l-individwu ma għandhom iktar bżonn jinvestu f'kompjuters ta' kapaċitajiet kbar għall-ħażna ta' data. Il-prezz tas-servizz ivarja "skont il-konsum reali tal-klijent bħal fil-każ tal-elettriku" [traduzzjoni libera]. El Hage, Y., *op. cit.*, punt 520 (p. 429 u 430), jirrileva li, għalkemm il-klijent jista' jaċċedi għal dan il-post ta' ħażna ta' kontenut diġitali "minn kwalunkwe post bis-saħħa ta' sempliċi konnessjoni mal-internet", l-eżekuzzjoni tas-servizz ma hijiex ikkonċentrata fil-post tas-servers imbiegħda peress li l-imsemmi klijent għandu jittrasferixxi d-data tiegħu sabiex jaċċedi għaliha, ħaġa li tippermetti li jiġi ddeterminat il-pajjiż li fih "l-effetti konkreti tal-kuntratt jinħassu prinċipalment" [traduzzjoni libera].

[57] Dwar il-prinċipju ta' newtralità teknoloġika li jiġġustifika s-silenzju tat-testi tad-dritt internazzjonali privat dwar in-networks fosthom l-internet, ara l-ispjegazzjonijiet ta' Azzi, T., "Rapport général: droit international privé et immatériel", f'*L'immatériel*, Journées internationales espagnoles de l'Association Henri Capitant des amis de la culture juridique française, 2014, iċċitat minn El Hage, Y., *op. cit.*, p. 112, kif ukoll l-analiżi ta' dan tal-aħħar, punti 135 sa 142 (p. 113 sa 119).

[58] F'dan ir-rigward, ara n-nota fuq is-sit internet https://www.culture.fr/franceterme li tispeċifika li "[i]l-cloud computing huwa forma partikolari ta' ġestjoni tal-informatika, li fiha l-post u l-funzjonament tal-cloud ma jinġibux għall-konoxxenza tal-klijenti" [traduzzjoni libera]. Ara JORF Nru 129, tas-6 ta' Ġunju 2010 (p. 42).

[59] Ara, għal paragun, l-għażla ta' kriterji alternattivi, jiġifieri l-post fejn il-kontrollur (jew il-proċessur) għandu stabbiliment jew dak tar-residenza abitwali tas-suġġett tad-data, magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1), fl-Artikolu 79(2). Ara wkoll, fil-prattika, l-għażla fil-klawżoli li jattribwixxu ġurisdizzjoni ta' dik tal-Istat Membru li fil-ġurisdizzjoni tiegħu jinsab il-fornitur, li għandha titqabbel mal-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-kuntratti għal xogħlijiet informatiċi u għall-kuntratti ta' manutenzjoni ta' software individwali applikabbli fl-Isvizzera, fl-isfera pubblika, iċċitata minn Reymond, M., *op. cit.*, p. 238, nota ta' qiegħ il-paġna 60. Ara, għall-aġġornament ta' din iċ-ċitazzjoni, https://backend.bkb.admin.ch/fileservice/sdweb-docs-prod-bkbadminch-files/files/2024/08/13/9d43df1a-4ff8-45fe-b530-1ea8d9716399.pdf.

[60] Ara s-sentenzi tad-9 ta' Lulju 2009, Rehder (C-204/08, EU:C:2009:439, punti 42 u 43), u tas-7 ta' Marzu 2018, flightright *et* (C-274/16, C-447/16 u C-448/16, EU:C:2018:160, punt 73).

lill-Qorti tal-Ġustizzja. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tagħha, huwa suffiċjenti li jitfittex il-post tal-eżekuzzjoni tal-parti l-kbira tal-attività fl-Istat Membru kkonċernat [61]. L-istess japplika kieku s-servizz online kellu jintuża f'diversi Stati Membri [62]. Fl-aħħar nett, dan il-post, fil-fehma tiegħi, huwa prevedibbli għall-fornitur ta' servizzi informatiċi. Fil-fatt, l-ispeċifikazzjonijiet li dan tal-aħħar għandu jikkonforma ruħu magħhom fil-każ ta' żvilupp ta' software huma ġeneralment suġġetti għal-liġi tal-Istat li fih huwa ser jitqiegħed għall-użu [63]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-każ ta' użu ekwivalenti f'diversi postijiet, jidhirli li huwa inutli li tiġi applikata r-regola ta' ġurisdizzjoni prevista mill-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, peress li dan ma huwiex iġġustifikat mill-għan ta' prossimità [64].

51. Fir-raba' lok, għad irid jiġi deċiż l-aħħar element addizzjonali tal-analiżi li jirrigwarda l-liġi applikabbli għall-kuntratt. Fin-nuqqas ta' għażla ta' liġi, li huwa l-każ fil-każ inkwistjoni, l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) [65], jipprovdi li "kuntratt għall-forniment ta' servizzi għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li fih il-fornitur tas-servizz ikollu r-residenza abitwali tiegħu" [66]. Għaldaqstant, l-għażla ta' tali kriterju ta' rabta mal-qorti li għandha ġurisdizzjoni hija msaħħa [67]. Dan l-argument ma jidhirlix li huwa deċiżiv. Fil-fatt, minn naħa, hemm nuqqas ta' qbil leġiżlattiv bejn l-għan ta' prossimità li jirriżulta mill-għażla ta' kriterju ta' ġurisdizzjoni speċjali fil-qasam kuntrattwali [68] u dawk relatati mad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-kuntratt. Min-naħa l-oħra, peress li jiġi adottat kriterju ta' ġurisdizzjoni skont il-post tal-eżekuzzjoni effettiva tal-kuntratt għall-benefiċjarju tiegħu, is-soluzzjoni li tikkonsisti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Ruma I [69] jidhirli li hija fondata [70].

52. Konsegwentement, mill-eżami tal-motivi li jiġġustifikaw li jiġi ffavorit bħala kriterju ta' ġurisdizzjoni dak tal-post tas-sede tal-kumpannija li żviluppat software jirriżulta li dawn ma humiex ta' natura li jqiegħdu fid-dubju dawk li esponejt sabiex inqis li, fil-qasam tal-provvista ta' software, kemm jekk ikun standard jew personalizzat, meta provvista ta' servizz, bħal aċċess online, tikkundizzjona l-użu tiegħu, huwa partikolarment adattat li jintgħażel bħala kriterju ta' ġurisdizzjoni, ibbażat fuq il-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012, dak tal-post fejn, konkretament, id-destinatarju ta' dan is-servizz effettivament jibbenefika minnu.

61 Ara, b'analoġija, is-sentenza Color Drack (punt 40).

62 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Wood Floor (punt 36). Ara wkoll, f'dan is-sens, El Hage, Y., *op. cit.*, punt 549 (p. 447) u l-punt 617 (p. 502). Barra minn hekk, għall-adozzjoni ta' soluzzjoni li tikkonsisti fit-tfittxija tal-Istat Membru li fih l-iktar provvista ta' servizz sinjifikattiva fl-Unjoni, minkejja li s-servizz prinċipali jiġi pprovdut fi Stat terz, ara Gaudemet-Tallon, H., u Ancel, M.-E., *Compétence et exécution des jugements en Europe, Règlements 44/2001 et 1215/2012, Conventions de Bruxelles (1968) et de Lugano (1998 et 2007)*, is-seba' edizzjoni, Librairie générale de droit et de jurisprudence, Kollezzjoni "Droit des affaires", Pariġi, 2024, punt 221 (p. 340).

63 Ara, f'dan is-sens, El Hage, Y., *op. cit.*, punt 550 (p. 447), li fih jiġi espost ukoll, bħala eżempju, dak ta' kumpannija li tipprovdi software ta' kompatibbiltà lil impriża barranija, li għandu jitqabbel mal-kawża prinċipali li fiha kellha tiġi osservata l-leġiżlazzjoni Ġermaniża.

64 Ara, dwar dan l-għan, El Hage, Y., *op. cit.*, punt 617 (p. 502 u 503), kif ukoll, dwar is-soluzzjoni, Gaudemet-Tallon, H., u Ancel, M.-E., *op. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 257 (p. 340) u, fil-każ ta' diffikultà jew ta' impossibbiltà li jiġi ddeterminat il-post ta' eżekuzzjoni, punt 222 (p. 341).

65 ĠU 2008, L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma I".

66 Dwar il-kompatibbiltà ta' din ir-regola mal-internet, ara l-opinjoni ta' Cachard, O., *La régulation internationale du marché électronique*, Bibliothèque de droit privé, Vol. 365, Librairie générale de droit et de jurisprudence, Pariġi, 2002, u ta' Usunier, L., "La loi applicable aux contrats électroniques", f'Rochfeld, J., *L'acquis communautaire – Le contrat électronique*, Economica, Paris, 2010, iċċitati minn El Hage, Y., *op. cit.*, punt 132 (p. 111).

67 Ara, f'dan is-sens, Mankowski, P., "Article 7", *op. cit.*, punt 184, li jirreferi għall-Artikolu 4(2) tar-Regolament Ruma I.

68 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69 Skont din id-dispożizzjoni "[m]eta jidher ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li l-kuntratt huwa manifestament aktar marbut ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor".

70 Ara El Hage, Y., *op. cit.*, punt 616 (p. 501). F'dak li jirrigwarda l-ġustifikazzjonijiet għall-applikazzjoni b'mod partikolari tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Ruma I, imsejjaħ "klawżola ta' eċċezzjoni", ara l-punti 592 (p. 480) u 598 (p. 486). Barra minn hekk, ara l-eżempji fil-punti 594 sa 596 (p. 484 sa 486).

V. Konklużjoni

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija):

Il-punt 1(b) tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-post ta' eżekuzzjoni tal-provvista online ta' software, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali li jippermettu li dan jiġi ddeterminat, huwa dak fejn il-klijent juża dan is-software.